

Brussell, 21 ta' Awwissu 2023
(OR. en)

12373/23

COASI 154
ASIE 77
CFSP/PESC 1157
PE 97
WTO 126
COHOM 179
ECOFIN 826
MACAO 1

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2023) 29 final
Suġġett:	RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Macao Rapport Annwali tal-2022

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument JOIN(2023) 29 final.

Mehmuż: JOIN(2023) 29 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 18.8.2023
JOIN(2023) 29 final

RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Macao

Rapport Annwali tal-2022

RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

IR-REĠJUN AMMINISTRATTIV SPEĊJALI TAL-MACAO

RAPPORT ANNWALI TAL-2022

Sommarju

Minn mindu l-Macao għadda għand ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fl-1999, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha segwew mill-qrib l-iżviluppi politiċi u ekonomiċi fir-Reġjun Amministrattiv Speċjali (Special Administrative Region, SAR) tal-Macao skont il-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi". L-UE tappoġġa dan il-prinċipju u l-implimentazzjoni tiegħu skont il-Liġi Bażika, li hija maħsuba biex tiżgura li l-istil ta' ħajja, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fil-Macao jibqgħu l-istess sal-2049.

Dan ir-rapport annwali, li jkopri s-sena 2022, jinħareġ f'konformità mal-impenn li tiegħed mal-Parlament Ewropew fl-1999.

L-integrazzjoni tal-Macao fil-pjan ta' żvilupp nazzjonali ħadet spinta 'l quddiem fl-2022. Il-Gvern tiegħu pproċeda bl-emenda tal-Liġi dwar is-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali, u b'hekk potenzjalment dgħajjef il-libertajiet politiċi u fundamentali minquxa fil-Liġi Bażika. Fil-15 ta' Diċembru, l-Assemblea Leġislattiva adottat b'mod unanimu l-abbozz tal-liġi fl-ewwel qari.

It-tnaqqis fil-livell għoli ta' awtonomija tal-Macao, u tad-drittijiet u l-libertajiet li kienu maħsuba li jiġu protetti sa mill-inqas l-2049, kompliet fl-2022.

Din is-sena kienet immarkata minn restrizzjonijiet soċjali u tal-ivvjaġġar stretti relatati mal-COVID-19, li iżolaw lill-Macao mill-bqija taad-dinja. Fi Frar, il-Macao taffa r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għall-vjaġġaturi miċ-Ċina kontinentali biex jippermetti l-irkupru ta' ekonomija li tiddependi ħafna fuq it-turiżmu Ċiniż.

Fl-2022 seħħet bidla drastika fl-ambjent tal-gaming, bil-proċess ta' Alvin Chau, il-president tal-akbar operatur "junket"¹, u l-adozzjoni ta' liġi tal-gaming ġdida.

Id-diversifikazzjoni ekonomika, l-integrazzjoni fiż-Żona ta' Greater Bay u l-iżvilupp taż-Żona ta' Kooperazzjoni fil-Fond bejn Guangdong u l-Macao f'Hengqin baqgħu l-istrateġiji ta' żvilupp ewlenin taħt il-gwida tal-gvern ċentrali f'Beijing.

¹ Fid-dinja tal-każinojiet, "junket" huwa programm tal-ivvjaġġar għal żmien qasir organizzat minn operatur "junket" biex jattira lagħaba ta' ġid kbir lejn il-Macao, l-aktar miċ-Ċina kontinentali.

Matul l-ewwel tliet trimestri tal-2022, il-PDG tal-Macao naqas b'27,8 % apparagun tal-Pataca tal-Macao (MOP) 130,3 biljun (EUR 15,6 biljun), 61 % inqas milli fl-2019 (qabel il-pandemija). Is-suq tal-impjiegi żamm tajjeb, u l-gvern kompli jipprovdi miżuri ta' appoġġ għall-COVID-19 għall-popolazzjoni u l-kumpaniji.

Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-COVID, inkluża l-kwarantina ta' ġimagħtejn f'lukanda komplew jipprevjenu lill-uffiċjali mill-Uffiċċju tal-UE milli jżuru l-Macao jew milli jorganizzaw attivitajiet hemmhekk, u b'hekk fiġxlu l-ħidma tagħhom u l-limitaw il-kuntatt tagħhom ma' uffiċjali tal-gvern, mas-soċjetà ċivili, mal-kumpaniji u ma' partijiet ikkonċernati oħra. Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar xekklu wkoll l-aċċess konsulari tal-Istati Membri tal-UE għaċ-ċittadini tal-UE fil-Macao u l-aċċess konsulari għaċ-ċittadini Portugiżi f'Hong Kong.

I. Żviluppi politiċi, legali u soċjali

Sa mill-iskwalifika ta' 21 kandidat qabel l-elezzjonijiet tal-Assemblea Leġiżlattiva fl-2021, l-oppożizzjoni ma għandhiex rappreżentanti fl-Assemblea. Madankollu, meta ppubblika r-rapport ta' attività tal-Assemblea, il-President tagħha ddikjara li l-effiċjenza tal-korp kienet "żdiedet b'mod sinifikanti".

F'Diċembru, il-Macao eleġġa 12-il delegat fil-Kungress Nazzjonali tal-Poplu (National People's Congress, NPC) minn total ta' 15-il kandidat. Disgħa mid-delegati eletti kienu eks membri tal-NPC, inkluż il-president tal-Assemblea.

L-Assoċjazzjoni tal-Avukati tal-Macao eleġġiet bħala l-kap tagħha lil Vong Ħin Fai, membru tal-Assemblea Leġiżlattiva u l-Kungress Nazzjonali tal-Poplu taċ-Ċina.

L-Uffiċċju Ekonomiku u Kulturali ta' Taipei fil-Macao kompli bl-operazzjonijiet tiegħu. F'Ottubru, il-Ministru Tajwaniż tal-Kunsill għall-Affarijiet tal-Kontinent ikkonferma li l-Macao kien ta estensjoni tal-viża lit-tliet rappreżentanti tat-Tajwan fis-SAR, wara l-istagħnar diplomatiku relatat mat-talba tal-Macao biex ir-rappreżentanti jiffirmaw "il-wegħda għal Ċina waħda", filwaqt li jirrikonoxxu lit-Tajwan bħala parti miċ-Ċina. Il-Macao għadu jopera Uffiċċju Ekonomiku u Kulturali fit-Tajwan.

Fl-10 ta' April 2022, **il-Forum għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali bejn iċ-Ċina u l-pajjiżi li jittkellmu l-Portugiż (il-Forum Macao)** organizza Konferenza Ministerjali Straordinarja dwar il-Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali bejn iċ-Ċina u l-Pajjiżi li jittkellmu l-Portugiż. Il-Pim

ministru Ċiniż Li Keqiang għamel id-diskors tal-ftuħ online, fejn fih appella għal aktar kooperazzjoni bejn iċ-Ċina u l-pajjiżi li jikkollmu l-Portugiż, u waqqaf ċentru ta' komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-epidemiji fil-Macao.

L-impatt tal-politiki tal-COVID-19

Il-Macao implimenta l-“istrateġija dinamika ta' zero COVID” taċ-Ċina kontinentali. F'Jannar, il-Macao impona projbizzjoni ta' għimgħtejn fuq titjiriet tal-passiġġieri deħlin minn barra ċ-Ċina kontinentali, wara li identifika tliet każijiet pożittivi fost il-vjaġġaturi. Fl-1 ta' Settembru, il-Macao reġa' fetaħ il-fruntiera tiegħu għad-dinja ta' barra, u b'hekk iċ-ċittadini minn 41 nazzjon setgħu jidħlu fit-territorju mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet tas-saħħa. Il-kwarantina f'lukanda baqgħet fis-seħħ għall-vjaġġaturi minn barra ċ-Ċina kontinentali. It-tul tal-kwarantina tnaqqas progressivament minn 21 jum fil-bidu tas-sena għal ħamest ijiem lejn tmiem is-sena. Bejn il-11 ta' Lulju u t-23 ta' Lulju ġie implimentat lockdown strett. Il-Gvern ordna lir-residenti jwettqu diversi ċikli ta' testijiet tal-PCR u ta' testijiet rapidi tal-antiġeni f'diversi stadji waqt it-tifqigħa lokali. Kampanja ta' ttestjar kienet immirata lejn ċittadini barranin speċifiċi, b'mod partikolari l-Filippini, li spiss huma impjegati bħala ħaddiema domestiċi².

L-aċċess konsulari ma kienx possibbli għad-diplomatiċi f'Hong Kong akkreditati għall-Macao minħabba r-rekwiżiti stretti ta' kwarantina.

Il-popolazzjoni naqset għal 672 800 abitant fl-2022, skont l-Uffiċċju tal-Istatistika u ċ-Ċensiment³. Kemm in-numru ta' ħaddiema mhux residenti kif ukoll in-numru ta' ċittadini Ewropej residenti fil-Macao naqsu.

Żviluppi leġiżlattivi

Kien hemm żewġ **żviluppi leġiżlattivi ewlenin fl-2022**. L-ewwel wieħed kien il-Liġi tal-Gaming emendata⁴, li għandha l-għan li żżid il-kontroll tal-awtoritajiet fuq l-operazzjonijiet tal-każinojiet u, b'mod partikolari, fuq l-operaturi junket tal-każinojiet. It-tieni waħda kienet l-emenda tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali, li kienet għadha għaddejja fi tmiem is-sena. L-abbozz li għadda fl-ewwel qari f'Diċembru indika li l-liġi tkun aktar restrittiva u allinjata mal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali ta' Hong Kong⁵.

² <https://www.thestandard.com.hk/breaking-news/section/3/192590/Macau%E2%80%99s-Covid-zero-plan-now-targets-city%E2%80%99s-Filipino-workers>.

³ <https://www.dsec.gov.mo/ts/#!/step2/KeyIndicator/en-US/240>.

⁴ <https://www.al.gov.mo/pt/law/year/507>.

⁵ <https://www.al.gov.mo/pt/law/lawcase/553>.

Il-proċess ta' profil għoli tan-negozjant setgħan tal-gaming Alvin Chau, li kien qed jopera kmamar tal-VIPs fil-każinojiet, wera biċ-ċar id-determinazzjoni tal-awtoritajiet li jsaħħu l-kontroll tas-settur tal-gaming. Il-Qorti sabet lil Chau ħati ta' 162 akkuża, inkluż li ppermetta logħob tal-azzard illegali u frodi, u kkundannatu għal 18-il sena ħabs f'Jannar 2023. It-tieni l-akbar operatur junket, Levo Chan, ġie mħarrek ukoll għal frodi, ħasil il-flus, u t-tmexxija ta' sindakat kriminali⁶. L-ekonomija tal-Macao hija mistennija li ssir inqas dipendenti fuq l-attivitajiet tal-logħob tal-azzard, fil-kuntest tal-ġlieda taċ-Ċina kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus.

Fid-diskors ta' politika tiegħu ta' Novembru, il-Kap Eżekuttiv Ho IAT Seng ta prijorità lil kwistjonijiet soċjali, filwaqt li kkwota mid-diskors tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping tal-1 ta' Lulju li jfakkar il-100 anniversarju tat-twaqqif tal-Partit Komunista Ċiniż. Huwa ħabbar li l-gvern se jipproċedi bil-ħames fażi tas-sistema pubblika estensiva ta' CCTV magħrufa bħala "Sky Eye". Il-membri tas-soċjetà ċivili u l-politiċi favur id-demokrazija esprimew tħassib dwar l-impatt potenzjali fuq il-privatezza u l-użu tat-teknoloġiji tar-rikonossiment tal-wiċċ. F'Lulju, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tenna dan it-tħassib⁷.

Fid-diskors ta' politika, il-Kap Eżekuttiv Ho rrefera wkoll għal pjanijiet biex fl-2023 tiġi rriformata s-sistema elettorali tal-Assemblea Leġiżlattiva, biex jimplimenta l-prinċipju ta' "patrijotti li jamministraw il-Macao".

Il-Kap Eżekuttiv ħabbar ukoll l-adozzjoni ta' Liġi dwar it-Trade Unions. Għalkemm id-dritt li jinħolqu trade unions kien minqux fil-Liġi Bażika, il-Macao ma kellux liġi li tillegalizza t-twaqqif tagħhom. F'Jannar 2023, l-Assemblea Leġiżlattiva adottat l-abbozz tal-liġi fl-ewwel qari. Is-soċjetà ċivili esprimiet tħassib li l-leġiżlazzjoni ma kinitx tinkludi d-dritt tal-istrajk u ma kinitx tipprevedi n-negozjar kollettiv.

Sigurtà nazzjonali

Il-Gvern żied l-enfasi fuq is-sigurtà nazzjonali. Fil-15 ta' Diċembru, l-Assemblea Leġiżlattiva għaddiet abbozz ta' liġi intitolat "**Emenda tal-Liġi Nru 2/2009 – Liġi dwar is-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali**"⁸ fl-ewwel qari. Din il-Liġi, li ġiet adottata għall-ewwel darba fl-2009, għamlet illegali s-seċessjoni, l-atti ta' sovverżjoni kontra l-Gvern Ċentrali tal-Poplu, is-sedizzjoni, is-serq ta' sigrieti tal-Istat, l-organizzazzjonijiet politiċi barranin li jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali fil-Macao, u l-organizzazzjonijiet politiċi fil-Macao

⁶ <https://www.thestandard.com.hk/section-news/section/11/249158/18-years-in-jail-for-junket-king>

⁷ https://tbinternet.ohchr.org/_layouts/15/treatybodyexternal/SessionDetails1.aspx?SessionID=2572&Lang=en

⁸ <https://www.al.gov.mo/pt/law/lawcase/553>

f'konfossa ma' organizzazzjonijiet politiċi barranin biex jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali.

F'Awwissu, fit-tnedija tal-konsultazzjoni, is-Segretarju għas-Sigurtà ddikjara li l-emenda tippermetti li l-liġi tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali bl-istess mod bħal dik ta' Ċina kontinentali u ta' Hong Kong. Id-dokument ta' konsultazzjoni ddikjara li, fir-rigward tad-difiża tas-sigurtà nazzjonali, hemm biss ir-responsabbiltà ta' "pajjiż wieħed" mingħajr id-distinzjoni ta' "żewġ sistemi".

Il-liġi emendata tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati eżistenti. Ir-reat tas-seċessjoni issa jinkludi azzjonijiet "mhux vjolenti" flok "azzjonijiet vjolenti u azzjonijiet illegali oħra serji" biss. L-atti ta' sovverżjoni issa jkopru r-reġim tal-Istat kollu. Is-serq ta' sigrieti tal-Istat jista' jkun soġġett għal pieni aktar stretti jekk l-informazzjoni tipperikola l-indipendenza, l-unità u l-interessi tas-sigurtà tal-pajjiż. L-ambitu tal-akkuża tal-kollużjoni twessa' għal kollużjoni ma' kwalunkwe organizzazzjoni, assoċjazzjoni u individwu barra mill-Macao. L-emenda ħolqot reati ġodda, bħall-"istigazzjoni jew l-appoġġ tas-sedizzjoni", li huma mmirati lejn diskors f'ambjenti privati. Il-"miżuri ta' prekawzjoni" tal-liġi jawtorizzaw l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet personali u l-impożizzjoni ta' projbizzjonijiet temporanji fuq il-ħruġ fuq individwi "li juru tendenza li jwettqu reat li jista' jipperikola s-sigurtà nazzjonali". Dan imur lil hinn mid-dispożizzjonijiet inklużi fil-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali ta' Hong Kong (National Security Law, NSL).

L-Assoċjazzjoni tal-Avukati tal-Macao u l-Assoċjazzjoni tas-Sinerġija tal-Macao indikaw li l-klawżoli speċifiċi ta' emenda ma setgħux isiru kummenti dwarhom peress li d-dokument ta' konsultazzjoni ma elenkahomx. **L-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti tal-Macao** esprimiet tħassib li l-ambitu ta' diversi reati ġie estiż mingħajr definizzjonijiet legali ċari. L-assoċjazzjoni indikat li r-reat tas-sovverżjoni jista' jintuża bħala mezz biex tiġi ristretta l-libertà tal-espressjoni u staqsiet jekk il-gvern hux se joħroġ linji gwida.

Drittijiet, libertajiet u opportunitajiet indaqs

F'Lulju, il-**Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem**, fir-rieżami perjodiku tiegħu tal-Macao skont il-**Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi**, esprima tħassib dwar il-projbizzjoni tal-ġmighat paċifiċi, in-nuqqas ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti, u l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-Assemblea Legiżlattiva⁹.

⁹ https://tbinternet.ohchr.org/_layouts/15/treatybodyexternal/Download.aspx?symbolno=CCPR%2F2FC%2FCHN-MAC%2FCO%2F2&Lang=en

Il-Kumitat innota li l-ġudikatura tal-Macao dehret li interpretat ħażin il-Patt u introduċiet restrizzjonijiet eċċessivament wiesgħa fuq id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-parteċipazzjoni fl-affarijiet pubbliċi. Il-Kumitat hegġegħ lill-Macao biex “jintensifika l-isforzi tiegħu biex iqajjem kuxjenza fost l-imħallfin, il-prosekuturi, il-professjoni legali u l-pubbliku ġenerali dwar id-drittijiet stabbiliti fil-Patt, u l-applikabbiltà tagħhom skont il-liġi lokali.”

Il-libertà tal-ġmigħ kienet għadha mhedda. Fl-2020 u l-2021 l-awtoritajiet irrifjutaw l-applikazzjoni mill-Union għall-Iżvilupp Demokratiku (Democratic Development Union, DDU) biex jiġi organizzat tishir bix-xemgħat fl-4 ta' Ġunju, biex jiġi kkommemorat l-anniversarju tal-massakru ta' Tiananmen tal-1989, fejn fl-2020 ir-raġuni kienet il-COVID-19 u fl-2021 ir-raġuni kienet il-possibbiltà ta' “ħsara għar-reputazzjoni tal-gvern ċentrali”. Fl-2022, id-DDU ddeċidiet li ma tapplikax għal awtorizzazzjoni biex torganizza tishir bix-xemgħat fl-4 ta' Ġunju, bil-biża' li l-parteċipanti kienu f'riskju oġhla ta' arrest.

Il-libertà ta' assoċjazzjoni. Il-Gvern beda l-proċedura għall-adozzjoni ta' Liġi dwar it-Trade Unions, li, madankollu, ma tinkludix id-dritt ta' strajkar jew ta' negozjar kollettiv. Fit-12 ta' Ġunju, ġie ppubblikat ir-rapport dwar il-konsultazzjoni ta' 45 jum li saret fl-2021¹⁰. Ġie nnutat li xi opinjonijiet enfasizzaw in-nuqqas tad-dritt tal-istrajkar fil-liġi proposta. Bi twegħiba l-gvern qal li l-liġi tintroduċi sistema “ġdida fjamanta” li l-impjegaturi u l-ħaddiema għandhom it-tnejn li huma jadottawha “gradwalment”.

Il-libertà tal-istampa kienet għadha taħt pressjoni, peress li dik li kienet l-assoċjazzjoni vokali tal-ġurnalisti, l-Assoċjazzjoni tal-Istampa Portugiża u Inġliża tal-Macao, eleġġew bord ġdid li wiegħed li jaħdem mal-gvern u li jikseb aktar finanzjament mill-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-Gvern.

Il-**privatezza** u l-protezzjoni tad-*data* kienu sors ta' tħassib. Fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-COVID-19, l-awtoritajiet implimentaw sistema ta' applikazzjonijiet ta' traċċar li jinvolvu l-installazzjoni ta' software għall-ġeolokalizzazzjoni u l-ġbir ta' *data* personali.

Is-Sistema Legali emendata li Tirregola l-Interċettazzjoni u l-Protezzjoni tal-Komunikazzjoni tawtorizza lill-pulizija biex tinterċetta t-telekomunikazzjonijiet f'każijiet ta' suspett ta' reati bħat-terroriżmu, reati li jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali jew iċ-ċiberkriminalità. Taħt ċerti ċirkostanzi, il-pulizija tista' titlob logs tat-telefown mingħand l-operaturi tat-telekomunikazzjoni mingħajr approvazzjoni minn qabel mingħand imħallef.

¹⁰ <https://www.gov.mo/pt/consulta-de-politicas/consulta-publica-sobre-a-lei-sindical/>

Minn Awwissu 2023, l-operaturi tat-telekomunikazzjoni se jiġu kkastigati jekk jonqsu milli jipprovdu *data* fuq talba tal-aġenziji tal-gvern.

Hemm madwar 23 543 **ħaddiem domestiku mhux residenti** fil-Macao, li l-biċċa l-kbira minnhom huma nisa li joriġinaw mill-Filippini, il-Vjetnam, l-Indoneżja, il-Myanmar u n-Nepal. Fl-2022, ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-pandemija waqqfuhom milli jergġu jingħaqdu mal-familji tagħhom barra minn pajjiżhom. Skont il-unions tal-ħaddiema domestiċi, kien hemm każijiet fejn il-ħaddiema domestiċi ma kinux imħallsa, u każijiet ta' ħaddiema domestiċi li tilfu l-impjeg tagħhom minħabba l-biża' ta' kontaminazzjoni. L-impjegaturi ma kellhomx għalfejn jagħmlu assigurazzjoni tas-saħħa għall-ħaddiema domestiċi. Ma kien għad hemm l-ebda kuntratt standard u l-ebda introjtu minimu peress li l-Liġi dwar il-Paga Minima għall-Ħaddiema ma tapplikax għall-ħaddiema domestiċi barranin. L-aġenziji tar-reklutaġġ komplew jimponu tariffi għojn għall-ħaddiema domestiċi, spiss ekwivalenti għal xahrejn salarju.

Kien hemm **każijiet ta' diskriminazzjoni kontra minoranzi etniċi**. Fil-21 ta' Lulju, il-gvern ordna liċ-ċittadini Filippini kollha, inklużi dawk residenti fil-Macao, biex jagħmlu t-testijiet tal-aċidu nuklejku għal liet ijiem konsekuttivi, mit-22 ta' Lulju sal-24 ta' Lulju, fil-għlieda kontra l-COVID-19. Il-Gvern neħħa l-miżura wara li t-Trade Union Progressiva tal-Ħaddiema Domestiċi (Progressive Labour Union of Domestic Workers) qajmet tħassib dwar id-diskriminazzjoni. Dan kien it-tieni ċiklu ta' ttestjar ibbażat fuq in-nazzjonalità fl-2022, wara struzzjoni simili mmirata lejn ċittadini mill-Myanmar f'Ġunju.

Id-dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti inkluda l-Macao fil-lista tiegħu, fil-“Livell 3”, tat-**traffikar tal-bnedmin**, u allega li “għat-tielet sena konsekuttiva l-gvern ma pprovda l-ebda servizz lil xi vittma u lanqas ma beda xi prosekuzzjoni dwar it-traffikar.”¹¹

Ma kien hemm l-ebda djalogu soċjali mal-**komunità LGBTIQ+**, u ż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess mhuwiex rikonoxxut. B'riżultat ta' dan, il-membri tal-komunità LGBTIQ+ ma jgawdux l-istess drittijiet legali bħal individwi oħra, b'mod partikolari fil-qasam tal-liġi tal-ġenituri u tal-liġi tas-suċċessjoni. Il-persuni transġeneru ma jistgħux jimmodifikaw il-ġeneru tagħhom fuq il-karti tal-identità tagħhom.

Il-prattikanti tas-saħħa għad ma kellhomx biżżejjed informazzjoni dwar il-ħtiġijiet tal-pazjenti LGBTIQ+. L-organizzazzjoni “Rainbow of Macau” talbet lill-gvern biex jistabbilixxi servizzi tas-saħħa speċjalizzati u jalloka personal

¹¹ <https://www.state.gov/reports/2022-trafficking-in-persons-report/macau/>

mediku biex jipprovdi l-pariri, id-dijanjożi u t-trattament xierqa għad-disforja tal-ġeneru.

II. Żviluppi ekonomiċi

Fl-ewwel tliet trimestri tal-2022, il-PDG tal-Macao naqas b'27,8 % sena wara sena¹² għal MOP 130,3 biljun (EUR 15,6 biljun)¹³. Dan kien 61 % inqas milli fl-2019, (MOP 330 biljun/EUR 39,6 biljun), **li jindika kemm** l-ekonomija tal-Macao kienet ferm affettwata mir-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

F'Ottubru, il-FMI bassar li l-ekonomija tal-Macao se tonqos bi 22,4 % fl-2022, meta mqabbla mar-rata ta' tkabbir ta' 15,5 % prevista f'April¹⁴. Fl-2021, il-PDG tal-Macao żdied bi 18 % (wara li naqas b'56,3 % fl-2020).

Għadd baxx ta' **wasliet ta' turisti** kellhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija. Fl-2022, 5,7 miljun turist żaru l-belt, inqas minn 15 % tal-għadd fl-istess perjodu fl-2019 (39,4 miljun). L-esportazzjonijiet tas-servizzi tal-gaming¹⁵ qabel kienu jammontaw għal madwar nofs il-PDG tal-Macao. Madankollu, minħabba t-tnaqqis fit-turiżmu, dawn l-esportazzjonijiet ammontaw biss għal MOP 24,8 biljun (EUR 3,0 biljun) fl-ewwel tliet trimestri tal-2022 – tnaqqis ta' 54,5% sena wara sena, jew 13,7 % tal-valur tagħhom għall-istess perjodu fl-2019 (MOP 181 biljun/EUR 21,7 biljun). Ir-rata medja ta' okkupanza tal-lukandi kienet biss ta' 38,5 % matul is-sena, meta mqabbla ma' 50 % fl-2021 u 91 % fl-2019.

Is-suq tax-xogħol żamm tajjeb fil-klima ekonomika diffiċli, b'rata tal-qgħad ta' 3,5 % fi tmiem is-sena, meta mqabbla ma' 1,7 % qabel il-pandemija.

L-inflazzjoni baqgħet baxxa, b'żieda medja ta' 1,0 % fl-indiċi tal-prezz tal-konsumatur kompost.

Il-livell imnaqqas tal-attività ekonomika rriżulta fi dħul **fiskali aktar baxx**, filwaqt li n-nefqa tal-gvern żdiedet. Il-gvern kellu jieħu mir-riżervi fiskali tiegħu biex jiffinanzja l-infiq. Ir-riżervi kapitali naqsu għal MOP 563 biljun (EUR 67,5 biljun) minn Novembru, tnaqqis ta' 12,2 % sena wara sena. Madankollu, dawn għadhom biżżejjed biex ikopru stima ta' sitt snin ta' nfiq tal-gvern fil-livelli tal-2022.

¹² Sors: Is-Servizz tal-Istatistika u taċ-Ċensiment, ir-Reġjun tal-Amministrazzjoni Speċjali tal-Gvern tal-Macao (Special Administration Region, SAR) disponibbli fuq: <https://www.dsec.gov.mo/en-US/>.

¹³ Maqluba għall-euro bl-użu tar-rata tal-kambju InforEuro ta' Diċembru 2021.

¹⁴ "Recovery During a Pandemic: health concerns, supply disruptions, and price pressures", Ottubru 2021, <https://www.imf.org/en/Publications/WEO/Issues/2021/10/12/world-economic-outlook-october-2021>.

¹⁵ L-esportazzjonijiet ta' servizzi tal-gaming huma mkejla bħala n-nefqa ta' persuni mhux residenti marbuta mal-logħob tal-azzard.

Fl-2021, l-istokk ta' investimenti barranin laħaq MOP 334 biljun (EUR 40,0 biljun), meta mqabbel ma' MOP 297 biljun (EUR 35,6 biljun) fl-2020. L-akbar sors ta' investimenti kien Hong Kong b'49 %, segwit miċ-Ċina kontinentali bi 34 % (esklużi l-investimenti minn ċentri offshore).

Politika ekonomika

Fid-diskors ta' politika annwali tal-Kap Eżekuttiv hemm deskritti l-politiki ekonomiċi li għandhom jiġu implimentati fl-2023. Mil-lat ekonomiku, il-prijoritajiet huma li jitħaffef l-irkupru, kif ukoll li tingħata ħajja għida lis-setturi tat-turiżmu u tal-gaming, jiżdied l-investment fl-infrastruttura u fl-akkomodazzjoni, u titkompla l-istrateġija ta' diversifikazzjoni ekonomika.

F'konformità mal-14-il Pjan ta' Ħames Snin taċ-Ċina għall-2021-2025, il-Kap Eżekuttiv enfasizza l-ħtieġa li l-Macao jiġi integrat aktar fil-politiki nazzjonali, b'mod partikolari fil-politiki dwar iż-żona ta' Hengqin u ż-Żona ta' Greater Bay. Huwa ħabbar tħaffif fil-konstruzzjoni tal-infrastruttura, inklużi żoni ġodda ta' żvilupp, konnessjonijiet tat-trasport bil-ferrovija u bit-triq, djar, proġetti ta' riċiklaġġ u xogħlijiet ta' drenaġġ tal-ilma.

L-appoġġ għall-ekonomija, li kienet għet affettwata minn restrizzjonijiet tal-pandemija, baqa' l-prijorità ewlenija. Il-Gvern estenda ħafna mill-miżuri ta' appoġġ finanzjarju tal-COVID-19 għall-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji, (inkluż tnaqqis fit-taxxa u diversi eżenzjonijiet mit-tariffi għal persuni u kumpaniji, konċessjonijiet tal-kiri, u skema ta' taħriġ issussidjata).

Ir-residenti komplew jibbenefikaw mill-iskema tal-qsim tal-għid introdotta fl-2008 fejn l-benefiċċji tal-iżvilupp ekonomiku jinqasmar-residenti. Ir-residenti permanenti rċevew MOP 10 000 (EUR 1 199) u r-residenti mhux permanenti rċevew MOP 6 000 (EUR 719). Il-Kap Eżekuttiv ħabbar fid-diskors ta' politika tiegħu li r-residenti se jirċievu l-istess ammont fl-2023, kif ukoll sussidju eċċezzjonali tal-konsum ta' MOP 10 000 għal sena addizzjonali. Fid-diskors ta' politika issemma li daħlet ukoll skema temporanja ta' sussidju għall-impjegati għall-impjegaturi li jirreklutaw residenti lokali qiegħda. Il-ħaddiema domestiċi migranti mhumiex inklużi fl-iskema tal-qsim tal-għid.

F'Ġunju 2022, l-Assemblea Leġiżlattiva adottat il-Liġi tal-Gaming emendata, u b'hekk issikkat ir-regoli għall-operat tal-każinojiet. Il-liġi emendata tawtorizza lill-Kap Eżekuttiv biex itemm kuntratt ta' konċessjoni ta' każinò għal raġunijiet ta' theddid għas-sigurtà nazzjonali. Tistabilixxi wkoll għanijiet ta' politika ġodda għall-prevenzjoni tal-flussi transfruntieri illegali tal-kapital, u tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fir-rigward tal-attivitajiet tal-gaming, u b'hekk tindirizza t-

tħassib tal-gvern ċentrali. Il-liġi tippromwovi wkoll id-diversifikazzjoni ekonomika, peress li l-operaturi tal-logħob tal-azzard huma meħtieġa jipprovdu pjanijiet ta' investiment li għandhom l-għan li jiddiversifikaw l-ekonomija. Il-liġi emendata naqqset it-terminu tal-konċessjonijiet tal-każinojiet bin-nofs, għal 10 snin; illimitat l-għadd ta' mwejjed u magni elettroniċi tal-logħob; u pprojbiet is-subkonċessjonijiet. Il-konċessjonarji tal-każinojiet irid isir ilhom rieżami tal-prestazzjonikull tliet snin. Il-liġi żiedet it-taxxa tal-gaming b'1 % (għal 40 %) u introduċiet premium annwali minimu. Il-kapital azzjonarju minimu li għandu jinżamm mid-diretturi maniġerjali tal-każinojiet (li jridu jkunu residenti permanenti tal-Macao) żdied minn 10 għal 15 %.

Il-liġi emendata rrestrinġiet ir-regoli dwar l-**attivitajiet ta' promozzjoni tal-gaming**. Il-promoturi jistgħu jipprovdu biss servizzi lil konċessjonarju wieħed, filwaqt li arranġamenti dwar il-qsim tad-dħul bejn il-promoturi u l-każinojiet ma għadhomx permessi. L-Assemblea Leġiżlattiva segwiet intenzjoni simili meta adottat ir-“Reġim għall-isfruttament tal-logħob tal-azzard” f'Diċembru. Skont l-istimi tal-gvern, din il-liġi, imsejħa wkoll il-“liġi junket”, irriżultat fi tnaqqis sinifikanti ta' madwar 80 % fl-attivitajiet junket.

Il-**konċessjonijiet tal-gaming** skadew fi tmiem l-2022. Il-Gvern nieda offerta pubblika biex jagħti l-kuntratti ta' konċessjoni l-ġodda f'konformità mal-Liġi tal-gaming emendata. Il-konċessjonijiet il-ġodda bdew f'Jannar 2023 u se jibqgħu għaddejjin għal 10 snin. Is-sitt operaturi tal-gaming eżistenti żammew il-konċessjonijiet tagħhom. Is-seba' offerent, unità tal-konglomerat globali tal-gaming ta' Genting fil-Malażja, ma kellux suċċess fil-proċess tal-offerti. Kull operatur kien obligat jippreżenta pjan ta' investiment għal ammont totali stmat ta' MOP 120 biljun (EUR 14,4 biljun), inkluża l-promozzjoni ta' attivitajiet mhux tal-gaming, f'konformità mal-istrateġija ta' diversifikazzjoni.

L-istrateġija tad-**diversifikazzjoni ekonomika** għandha l-għan li tiżviluppa industriji bħal dawk tat-turiżmu mhux marbut mal-gaming, il-konvenzjonijiet u l-esebizzjonijiet, is-saħħa (inkluża l-mediċina tradizzjonali Ċiniża), is-servizzi finanzjarji, u x-xjenza u t-teknoloġija. Minkejja tnaqqis matul dawn l-aħħar snin, is-settur tal-gaming kien għadu jirrappreżenta madwar nofs il-PDG ta' qabel il-COVID tal-belt. Fid-diskors ta' politika tiegħu, il-Kap Eżekuttiv Ho Iat Seng impenja ruħu li jżid il-kontribuzzjoni tas-setturi mhux tal-gaming għal 60 % tal-PDG.

Dwar is-**servizzi finanzjarji**, l-awtoritajiet għandhom l-għan li jiżviluppaw suq tal-bonds lokali (inklużi l-bonds ekoloġiċi u l-elenkar ta' bonds minn istituzzjonijiet u kumpaniji kontinentali), attivitajiet għall-ġestjoni tal-ġid u għall-lokazzjoni finanzjarja, servizzi bankarji ta' investiment, u sistema ta' saldu transfruntier f'renminbi. Biex jinkiseb dan, il-gvern qed jirrifirma l-qafas

legali tas-sistema finanzjarja lokali u jiżviluppa l-infrastruttura tas-suq finanzjarju tal-Macao. L-Assemblea Leġiżlattiva adottat liġi fiduċjarja ġdida biex tipprova lill-istituzzjonijiet pubbliċi u finanzjarji b'mudelli għat-trasferiment tal-proprjetà, b'soluzzjonijiet għall-ippjanar tal-patrimonju u soluzzjonijiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni diversifikati. Minn Diċembru 2022 inħarġu 13-il titolu ta' dejn fuq id-depożitarju ċentrali tat-titoli tal-Macao, fil-biċċa l-kbira minn banek u entitajiet tal-gvern Ċiniż kontinentali.

Sa mit-tnedija tiegħu fl-2018, l-ejenkar totali tal-bonds fuq it-Tranżazzjoni tal-Assi Finanzjarji ta' Chongwa (il-Macao), S.A. (MOX) – il-pjattaforma tal-Macao għall-ejenkar u n-negozjar tal-bonds – ammonta għal MOP 350 biljun (EUR 41,9 biljun), skont ir-rappreżentanti tiegħu. F'Marzu 2022, l-MOX u l-Borża tal-Lussemburgu ffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni, wara Memorandum ta' Ftehim iffirmit f'Jannar 2020. L-għan tiegħu huwa li jagħmel it-titoli ejenkati fuq l-MOX aktar viżibbli għall-investituri internazzjonali.

L-integrazzjoni ekonomika fiċ-Ċina kontinentali

Peress li l-biċċa l-kbira tar-restrizzjonijiet tal-pandemija sa tmiem is-sena tneħħew, il-Macao kellu l-għan li jiggwadanja mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu bħala ċentru għat-turiżmu u d-divertiment, u jiżviluppa f'ċentru għan-negozju u għas-servizzi finanzjarji, b'mod partikolari bejn iċ-Ċina u l-pajjiżi li jitekellmu bil-Portugiż.

F'Settembru 2022, il-Macao u l-provinċja ta' Guangdong qablu li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar is-supervizzjoni tal-apparat mediku, is-sigurtà soċjali u s-servizzi tal-gvern, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni.

Iż-Żona ta' Kooperazzjoni fil-Fond bejn Guangdong u l-Macao hija territorju ta' madwar 100 kilometru kwadru li jinsab f'Hengqin fiċ-Ċina kontinentali, u amministrata b'mod konġunt minn Guangdong u l-Macao¹⁶. L-għan tagħha huwa li sseħħ id-diversifikazzjoni ekonomika tal-Macao u li tiġi approfondita l-integrazzjoni ekonomika u legali fiċ-Ċina kontinentali, f'konformità mal-prijoritajiet tal-14-il Pjan ta' Ħames Snin taċ-Ċina deskritt hawn fuq.

L-integrazzjoni tal-Macao maċ-Ċina kontinentali ngħatat spinta sinifikanti f'Diċembru meta l-gvern ċentrali ħabbar li l-vetturi mhux kummerċjali mill-Macao se jitħallew jidħlu fil-provinċja ta' Guangdong mill-1 ta' Jannar 2023 skont il-Politika tal-Ivvjaġġar lejn it-Tramuntana għall-vetturi tal-Macao.

¹⁶ Iż-żona ta' kooperazzjoni ta' Hengqin tinsab fit-tarf tan-Nofsinhar tal-belt Ċiniża kontinentali ta' Zhuhai. Strixxa ta' ilma biss tissepara ż-żona mill-Macao, u pont jgħaqqad it-tnejn flimkien.

III. Ir-relazzjonijiet bejn il-Macao u ċ-Ċina kontinentali

Wara l-20 Kungress tal-Partit Komunista ta' Ċina f' Ottubru, il-Kap Eżekuttiv Ho Iat Seng staqsa lil setturi differenti tas-soċjetà lokali biex iħaddnu "l-ispirtu tal-20 Kungress Nazzjonali"¹⁷.

Il-Kap Eżekuttiv Ho Iatqa' mal-President Xi Jinping f'żewġ okkażjonijiet fl-2022: fil-marġini ta' ċelebrazzjonijiet tal-25 anniversarju tat-trasferiment ta' Hong Kong liċ-Ċina, u fl-okkażjoni ta' żjara fuq xogħol f'Beijing.

Fl-2022 seħħew bidliet sinifikanti fil-persunal. F'Marzu, il-gvern ċentrali ħatar lil Fu Ziyang, l-eks direttur tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Gvern Ċentrali tal-Poplu bħala l-Konsulent għall-Affarijiet tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Kumitat għas-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali fil-Macao. F'Mejju, l-eks viċi gvernatur tal-provinċja ta' Fujian u viċi direttur tal-Uffiċċju ta' Kollegament, Zheng Xincong inħatar Kap tal-Uffiċċju ta' Kollegament u Konsulent għall-Affarijiet tas-Sigurtà Nazzjonali.

IV. Ir-relazzjonijiet bilaterali u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Macao fl-2022

Il-Ftehim tal-1992 dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Macao kellu l-għan li jsaħħaħ aktar ir-relazzjoni bejn l-UE u l-Macao. Dan ikopri l-kooperazzjoni fir-rigward tal-kummerċ, l-ekonomija, ix-xjenza u t-teknoloġija.

Il-Kumitat Konġunt tal-UE u l-Macao huwa pjattaforma għal djalogu bejn il-Macao u l-UE f'għadd ta' oqsma. It-23 **laqgħa tal-Kumitat Konġunt** saret fl-2019, iżda ma saret l-ebda laqgħa oħra minkejja t-talbiet tal-UE.

Fl-ewwel 11-il xahar tal-2022, **l-UE qabżet liċ-Ċina kontinentali biex saret l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Macao fil-merkanzija**, bi 30 % tal-kummerċ totali tas-SAR f'dan il-perjodu. Il-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Macao huwa kważi esklussivament (aktar minn 95 %) magħmul minn esportazzjonijiet lejn l-UE, b'madwar 33 % tal-importazzjonijiet tal-Macao li joriġinaw mill-UE.

Abbażi tad-*data* tal-Eurostat, **il-kummerċ bilaterali tal-UE f'merkanzija mal-Macao** matul l-ewwel 11-il xahar tal-2022 amonta għal EUR 1 147 miljun (anqas minn żieda ta' 1 % fl-2021). L-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Macao, li

¹⁷ <https://macaudailytimes.com.mo/ho-iat-seng-to-fully-implement-spirit-of-national-congress-report.html>

kienu jikkonsistu l-aktar f'oġġetti ta' lussu, oġġetti tal-ġilda, ħwejjeġ u lbies, u arloġġi tal-idejn u ġojjellerija, ammontaw għal EUR 1 100 miljun, u rriżultaw f'surplus kummerċjali ta' EUR 1 053 miljun.

L-UE baqgħet ir-raba' l-akbar sors ta' investiment barrani tal-Macao fl-2021 (bl-esklużjoni taċ-ċentri offshore), wara Hong Kong, iċ-Ċina kontinentali u l-Istati Uniti. Skont l-istatistika uffiċjali tal-Macao, l-UE kienet tirrappreżenta 5,8 % tal-istokk totali tal-investiment dirett barrani (IDB) fl-2021 (bl-esklużjoni taċ-ċentri offshore). Il-Portugal waħdu kien jirrappreżenta 88 % tal-investiment tal-UE fis-SAR. Skont il-Eurostat l-istokks tal-investiment dirett barrani tal-UE fil-Macao laħqu EUR 1,42 biljun fi tmiem l-2021¹⁸, filwaqt li l-istokkijiet tal-IDB tal-Macao fl-UE ammontaw għal EUR 1,85 biljun.

¹⁸ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/BOP_FDI6_GEO__custom_6643309/default/table?lang=en